SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-570/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias (Ċipru), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Novembru 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Diċembru 2008, fil-proċedura

Symvoulio Apochetefseon Lefkosias

vs

Anatheoritiki Archi Prosforon,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, D. Šváby, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász (Relatur) u J. Malenovský, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Marzu 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għas-Symvoulio Apochetefseon Lefkosias, minn A. Aimilianidis u P. Christofidis, dikigoroi,

— għall-Anatheoritiki Archi Prosforon, minn K. Lykourgos, A. Pantazi-Lamprou u M. Theoklitou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Konstantinidis u I. Chatzigiannis, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/665").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn is-Symvoulio Apochetefseon Lefkosias (Uffiċċju tat-tindif ta' ilma użat tan-Nikosija, iktar 'il quddiem is-"Symvoulio"), persuna ġuridika tad-dritt pubbliku li għandha l-kwalità ta' awtorità kontraenti, u l-Anatheoritiki Archi Prosforon (Awtorità ta' reviżjoni tal-offerti), korp amministrattiv inkarigat bl-eżami ta' reviżjonijiet ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti fil-qasam tal-offerti, dwar id-dritt tas-Symvoulio li jressaq, quddiem awtorità ta' natura ġudizzjarja, azzjoni kontra deċiżjoni adottata mill-Anatheoritiki Archi Prosforon.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Fl-ewwel premessa tad-Direttiva 89/665, hemm ikkonstatat li d-direttivi fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi ma jinkludux dispożizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tagħhom.

4 Skont it-tielet premessa ta' din id-direttiva:

"[…] l-ftuħ ta' l-akkwist pubbliku għall-kompetizzjoni mill-Komunità jeħtieġ żieda sostanzjali fil-garanziji ta' trasparenza u non-diskriminazzjoni; […] biex ikun hemm effetti tanġibbli, rimedji effettivi u rapidi għandhom ikunu disponibbli fil-każ ta' ksur tal-liġi tal-Komunità fil-kamp ta' l-akkwist pubbliku jew regoli nazzjonali li jimplimentaw dik il-liġi".

5 Ir-raba' premessa tal-imsemmija direttiva tistipula:

"[…] f'ċerti Stati Membri l-assenza ta' rimedji effettivi jew l-inadegwatezza ta' rimedji eżistenti jżommu lil intrapriżi Komunitarji milli jissottomettu offerti fl-Istat Membru li fih l-awtorità kuntrattwali hija stabbilita; […] għalhekk, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrimedjaw din is-sitwazzjoni".

6 Is-seba' premessa tal-istess direttiva hija redatta kif ġej:

"[…] meta intrapriżi ma jitolbux reviżjoni, ċertu ksur ma jistax jiġi korrett sakemm ma jkunux stabbilit mekkaniżmu speċifiku".

7 It-tmien premessa tad-Direttiva 89/665 tispeċifika:

"[…] għalhekk, il-Kummissjoni, meta tikkunsidra li jkun ġie kommess ksur ċar u evidenti tul proċedura ta' għoti ta' kuntratt, għandha tkun tista' tiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru u ta' l-awtorità kuntrattwali kkonċernata sabiex jittieħdu passi xierqa għall-korrezzjoni rapida ta' kull ksur allegat".

8 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li, fir-rigward ta' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti li jaqgħu fl-iskop tad-Direttivi 71/305/KEE, 77/62/KEE u 92/50/KEE […], id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jiġu riveduti effettivament, u b'mod partikolari, malajr kemm jista' jkun skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli li ġejjin, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(7) fuq il-bażi li dawn id-deċiżjonijiet kisru l-liġi tal-Komunità fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku jew tar-regoli nazzjonali li jimplimentaw dik il-liġi.

[…]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' reviżjoni huma disponibbli, taħt regoli dettaljati li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, ta' l-anqas għal kull persuna li jkollha jew kellha interess li takkwista kuntratt partikolari ta' provvista pubblika jew xogħlijiet publiċi [jew ta' servizzi] u li tkun sofriet ħsara jew qiegħda f'riskju li ssofri ħsara minn ksur allegat. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li persuna li tfittex reviżjoni għandha tkun qabel innotifikat lill-awtorità kuntrattwali bil-ksur allegat u bl-intenzjoni tagħha li tfittex reviżjoni."

9 L-Artikolu 2(7) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665 huma redatti kif ġej:

"7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda minn korpi responsabbli għall-proċeduri ta' reviżjoni għandhom jiġu effettivament applikati.

8. Meta l-korpi responsabbli għall-proċeduri tar-reviżjoni ma jkunux ta' karattru ġudizzjarju, raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tagħhom għandhom dejjem jingħataw. Barra minn hekk, f'dak il-każ, għandha ssir dispożizzjoni biex tiggarantixxi proċeduri li bihom kull miżura allegatament illegali meħuda mill-korp ta' reviżjoni jew kull difett allegat fl-eżerċizzju tal-poteri mogħtija jistgħu jkunu suġġett ta' reviżjoni ġudizzjarja jew reviżjoni minn korp ieħor li jkun il-qorti jew it-tribunal fis-sens ta' l-Artikolu [267 TFUE] u indipendentement minn kemm l-awtorità li tikkuntratta kif ukoll il-korp ta' reviżjoni."

10 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jipprevedi s-setgħa ta' intervent tal-Kummissjoni meta, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, din tikkunsidra li, matul il-proċedura tal-għoti ta' kuntratt pubbliku, ikun twettaq ksur ċar u manifest tar-regoli rilevanti tal-Unjoni.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

11 L-Artikolu 146(1) tal-Kostituzzjoni Ċiprijotta (iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni") jagħti lill-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias (Qorti Suprema tar-Repubblika ta' Ċipru) il-kompetenza esklużiva sabiex tiddeċiedi b'mod ġudizzjarju fuq il-legalità ta' deċiżjonijiet jew ta' ommissjonijiet tal-korpi amministrattivi.

12 Fi kliem l-Artikolu 146(2) tal-Kostituzzjoni:

"Ir-rikors jista' jiġi ppreżentat minn kull persuna li għandha interess leġittimu attwali, bħala individwu jew membru ta' komunità, liema interess huwa affettwat b'mod dirett u detrimentali b'tali deċiżjoni, att jew ommissjoni."

13 Il-Liġi 101 (I)/2003, dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal provvisti, għal xogħlijiet u għal servizzi, hija intiża sabiex tadatta l-leġiżlazzjoni Ċiprijotta għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 89/665. L-Artikolu 60 ta' din il-liġi, kif emendata bil-Liġi 181(I)/2004, jipprovdi:

"Jekk il-persuna kkonċernata tikkunsidra d-deċiżjoni tal-Awtorità ta' reviżjoni tal-offerti bħala inġusta fil-konfront tagħha, din għandha d-dritt titlob reviżjoni mill-Anotato Dikastirio [tis Kypriakis Dimokratias] skont l-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni. L-awtorità kontraenti għandha wkoll id-dritt li titlob reviżjoni fil-każ fejn, fuq bażi ta' provi xierqa, id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' reviżjoni tal-offerti titqies li hija inġusta għal tali awtorità."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

14 Is-Symvoulio jaġixxi bħala awtorità kontraenti fil-qasam tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, fis-sens tal-Liġi 101 (I)/2003.

15 L-Anatheoritiki Archi Prosforon inħolqot fil-kuntest tal-adattament tad-dritt Ċiprijott għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi u, b'mod partikolari, għad-Direttiva 89/665. Għalhekk, hija tikkostitwixxi korp responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665, ta' natura mhux ġudizzjarja, u teżerċita l-kompetenzi tagħha fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi hawn fuq imsemmija.

16 B'applikazzjoni mressqa minn impriża, l-Anatheoritiki Archi Prosforon annullat, fl-14 ta' Frar 2006, id-deċiżjoni li permezz tagħha s-Symvoulio laqa' l-offerta ppreżentata minn impriża kompetittriċi. B'azzjoni mressqa quddiem l-awla kompetenti tal-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias fil-31 ta' Marzu 2006, is-Symvoulio talab l-annullament tad-deċiżjoni hawn fuq imsemmija tal-Anatheoritiki Archi Prosforon.

17 Filwaqt li l-proċedura kienet għaddejja, is-sede plenarja tal-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias tat, fis-17 ta' Diċembru 2007, fil-kuntest ta' kawża oħra fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, sentenza li tiddikjara li l-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni kellu jiġi interpretat fis-sens li ma jagħtix interess leġittimu lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jeżerċitaw azzjoni kontra deċiżjoni ta' annullament adottata mill-Anatheoritiki Archi Prosforon, u li l-applikazzjoni tal-Artikolu 60 tal-Liġi 101 (I)/2003 kellha tiġi skartata.

18 Din il-pożizzjoni tal-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias, li tikkostitwixxi ġurisprudenza paċifika, hija bbażata fuq il-kunsiderazzjoni li d-deċiżjoni tal-Anatheoritiki Archi Prosforon ma tikkostitwixxix deċiżjoni tal-amministrazzjoni, indipendenti mill-proċedura li fiha l-awtorità kontraenti kkonċernata hija hi stess involuta. Għalhekk, din id-deċiżjoni ma tikkonċernax interess invokat mill-awtorità kontraenti, iżda l-interess pubbliku marbut mal-iżvolġiment legali tal-proċeduri kollha li jirregolaw il-kuntratti pubbliċi. L-awtorità kontraenti u l-Anatheoritiki Archi Prosforon huma, għall-finijiet tal-proċedura inkwistjoni, elementi tal-istess mekkaniżmu amministrattiv, tant li għandu jiġi applikat il-prinċipju ġenerali li korp taʼ amministrazzjoni ma jistax isostni interess leġittimu fil-konfront taʼ korp ieħor tal-istess amministrazzjoni u, essenzjalment, ikun fʼlitigazzjoni miegħu.

19 L-awla tal-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias, adita mis-Symvoulio fil-kawża prinċipali, tirrileva li l-pożizzjoni hawn fuq imsemmija tas-sede plenarja taʼ din il-qorti ġiet adottata biss fuq il-bażi tal-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni, mingħajr ma tqajmet il-kwistjoni tal-applikazzjoni u tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

20 Issa, din l-awla tosserva li l-Artikolu 60 tal-Liġi 101 (I)/2003, li jiżgura t-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, japplika indipendentement mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni, li għandu konsegwentment jiġi interpretat bʼmod konformi mad-dritt tal-Unjoni. Peress li interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665, sabiex tingħata risposta għad-domanda mressqa fil-kuntest tal-kawża prinċipali, għadha ma kinitx is-suġġett tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-awla inkwistjoni tikkunsidra li, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, huwa indispensabbli li titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari.

21 L-istess awla tenfasizza wkoll li, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza tad-deċiżjoni hawn fuq imsemmija tas-sede plenarja tal-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias ma ċċaħadhiex mill-fakultà li tevalwa, b'mod diskrezzjonali, in-neċessità li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Jannar 1974, Rheinmühlen-Düsseldorf, 166/73, Ġabra p. 33, punt 4).

22 Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-awla tal-Anotato Dikastirio tis Kypriakis Dimokratias li kellha quddiemha l-kawża prinċipali ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Sa fejn l-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665[…] jirrikonoxxi lill-awtoritajiet kontraenti d-dritt għal rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjonijiet ta' annullament meħuda minn korpi responsabbli għall-proċeduri ta' reviżjoni, meta dawn il-korpi ma jkunux ta' natura ġuridika?"

Fuq id-domanda preliminari

23 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665 għandux jiġi interpretat fis-sens li joħloq, fl-amministrazzjoni tal-Istati Membri, l-obbligu li jipprovdu wkoll favur l-awtoritajiet kontraenti, rimedju ta' natura ġudizzjarja kontra d-deċiżjonijiet ta' korpi bażiċi, ta' natura mhux ġudizzjarja, responsabbli mill-proċeduri ta' riveżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

24 Fid-dawl ta' eżami qabelxejn litterali tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/665, għandu, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li, fir-raba'u s-seba' premessa ta' din id-direttiva, l-"intrapriżi Komunitarji" huma b'mod espliċitu meqjusa li huma l-atturi fir-rigward tat-talbiet għal reviżjonijiet dwar il-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

25 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat, li l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 89/665, li skont il-formulazzjoni tiegħu l-proċeduri ta' reviżjoni għandhom ikunu aċċessibbli "ta' l-anqas għal kull persuna li jkollha jew kellha interess li takkwista kuntratt [pubbliku]", jiddefinixxi ċ-ċirku ta' persuni li, b'mod obbligatorju, għandu jkollhom dritt ta' azzjoni fuq il-bażi ta' din id-direttiva.

26 Fit-tielet lok, għandu jiġi enfasizzat, insostenn tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, li, kif jirriżulta mis-seba' premessa tad-Direttiva 89/665, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien konxju mill-possibbiltà li ċerti okkorrenzi ta' ksur ma jkunux jistgħu jiġu kkoreġuti fil-każijiet fejn l-impriżi ma jagixxux kontra deċiżjonijiet illegali jew żbaljati, ladarba jitqies li deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu wkoll jiġu adottati minn korpi responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni li ma humiex ta' natura ġudizzjarja. Issa, sabiex sitwazzjoni bħal din tiġi rrimedjata, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/665 jipprovdi għal setgħa ġenerali ta' intervent mill-Kummissjoni, b'mod konformi mal-proċedura stabbilita f'din id-dispożizzjoni.

27 Għalhekk, il-kliem tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/665 ma jinkludu ebda element li jista' jwassal għall-konklużjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' wkoll jikkunsidra l-awtoritajiet kontraenti bħala atturi fir-rigward tat-teħid ta' azzjoni fil-kuntest tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(8) ta' din id-direttiva għandhom jiġu kkunsidrati li jikkostitwixxu rekwiżit speċifiku, li jinvolvi garanziji determinati, impost fuq il-Membri Stati meta l-korpi bażiċi, responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni, ma jkunux ta' natura

ġudizzjarja u ma jibdlux iċ-ċirku ta' persuni li għalihom l-imsemmija direttiva tipprovdi dritt ta' azzjoni.

28 Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-għan tad-Direttiva 89/665.

29 Fil-fatt, l-ewwel u t-tielet premessi ta' din id-direttiva jistipulaw l-għan imfittex meta din ġiet adottata, f'rabta mal-għan imfittex mid-direttivi li għandhom dispożizzjonijiet essenzjali fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Peress li l-għan ta' dawn id-direttivi tal-aħħar huwa li l-kuntratti pubbliċi jiġu esposti għall-kompetizzjoni, fi ħdan l-Unjoni, taħt kundizzjonijiet ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni, u l-imsemmija direttivi ma jinkludux dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu l-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva tagħhom, id-Direttiva 89/665 tissodisfa din il-funzjoni billi tipprovdi obbligu fuq l-Istati Membri li jistabbilixxu proċeduri ta' reviżjoni effikaċi u rapidi.

30 Għalhekk, l-iskop tad-Direttiva 89/665 huwa dak li, permezz tal-istabbiliment ta' proċeduri ta' reviżjoni adegwati, tippermetti applikazzjoni tajba tad-dispożizzjonijiet essenzjali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, li huma intiżi li jiżguraw, għall-operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Istati Membri, li jkun hemm ftuħ għall-kompetizzjoni nieqsa minn distorsjoni u l-iktar wiesgħa possibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, Bayerischer Rundfunk *et*, C-337/06, Ġabra p. I-11173, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Barra minn hekk, il-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punt 29 ta' din is-sentenza huma sostnuti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2007, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi (ĠU L 335, p. 31). Minkejja li ma hijiex applikabbbli *ratione temporis* għall-fatti tal-kawża prinċipali, din id-direttiva tinkludi, madankollu, elementi utli għall-finijiet tal-interpretazzjoni tas-sistema stabbilita permezz tad-Direttiva 89/665, peress li ma temendax lil din is-sistema, iżda hija intiża, fi kliem il-premessa 3 tagħha,

sabiex iġġib lil din id-direttiva tal-aħħar "kjarifiki essenzjali li jippermettu li jintlaħqu r-riżultati maħsuba li jinkisbu mill-leġislatura Komunitarja".

32 Għalhekk, l-"offerenti kkonċernati" u l-"operaturi ekonomiċi" huma msemmija, b'mod partikolari fil-premessi 4, 6, 7, 14 u 27 tad-Direttiva 2007/66, bħala persuni koperti mill-protezzjoni ġudizzjarja effettiva intiża minn din id-direttiva u bħala atturi fil-qasam tar-reviżjonijiet.

33 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/665, kif emendata bid-Direttiva 2007/66, huwa issa intitolat "Skop u disponibbiltà ta' proċeduri ta' reviżjoni", filwaqt li l-Artikolu 2 tagħha huwa intitolat "Ħtiġijiet għall-proċeduri ta' reviżjoni". Għaldaqstant, ġiet ikkonfermata l-kunsiderazzjoni li l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, skont l-Artikolu 2(8), issa l-Artikolu 2(9), tad-Direttiva 89/665, li jipprovdu għal rimedju ġudizzjarju mid-deċiżjonijiet ta' korpi responsabbli minn proċeduri ta' reviżjoni li ma humiex ta' natura ġudizzjarja, jikkostitwixxi rekwiżit speċifiku tal-imsemmija direttiva u ma jinkludix l-awtoritajiet kontraenti fiċ-ċirku ta' atturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

34 Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/665, kif emendata bid-Direttiva 2007/66, huwa issa intitolat "Mekkaniżmu korrettiv" u jikkonferma s-setgħa ġenerali ta' intervent mill-Kummissjoni fil-każ ta' ksur serju tad-dritt tal-Unjoni.

35 Minn dan isegwi li l-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665 ma jeżiġix mill-Istati Membri li jipprovdu għal rimedju ta' natura ġudizzjarja fir-rigward ukoll tal-awtoritajiet kontraenti.

36 Madankollu, fir-rigward tal-obbligu impost fuq l-Istati Membri fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 89/665 li jiżguraw id-dritt ta' reviżjoni tal-inqas lill-persuni kollha iddefiniti f'din id-dispożizzjoni, u fid-dawl ukoll tal-awtonomija proċedurali li minnha l-Istati Membri jibbenefikaw, għandu jiġi kkunsidrat li dawn tal-aħħar ma humiex prekluż milli jkabbru, fejn applikabbli, iċ-ċirku ta' persuni li għalihom il-proċeduri ta' reviżjoni fis-sens tad-dispożizzjoni hawn fuq imsemmija huma aċċessibbli sabiex jinkludi l-awtoritajiet kontraenti, fil-każijiet fejn id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kontraenti huma annullati minn korpi bażiċi li ma jkunux ta' natura ġudizzjarja.

37 L-argument li interpretazzjoni bħal din tista' twassal għal applikazzjoni mhux uniformi tad-dritt tal-Unjoni ma tistax tintlaqa', peress li d-Direttiva 89/665, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 1(3) tagħha, ma tipprevedix armonizzazzjoni kompleta tar-regoli nazzjonali rilevanti.

38 Konsegwentement, għad-domanda mressqa għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 89/665 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma joħloqx, fl-amministrazzjoni tal-Istati Membri, l-obbligu li jipprovdu, fir-rigward ukoll tal-awtoritajiet kontraenti, rimedju ta' natura ġudizzjarja kontra d-deċiżjonijiet ta' korpi bażiċi, li ma humiex ta' natura ġudizzjarja, responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jipprevedu, fejn applikabbli, fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, rimedju bħal dan favur awtoritajiet kontraenti.

Fuq l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 2(8) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma joħloqx, fl-amministrazzjoni tal-Istati Membri, l-obbligu li jipprovdu, fir-rigward ukoll tal-awtoritajiet kontraenti, rimedju ta' natura ġudizzjarja kontra d-deċiżjonijiet ta' korpi bażiċi, li ma humiex ta' natura ġudizzjarja, responsabbli mill-proċeduri ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jipprevedu, fejn applikabbli, fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, rimedju bħal dan favur awtoritajiet kontraenti.

Firem